

# Tlugħ ix-Xemx, f'Selmun

Joseph Felix Cachia

**B'dedika lil Joe Bartolo u Charles Vella (żewġt iħbieb kbar) li min jaf kemm raw tlugħ ix-xemx f'Selmun.**



Kif nista' ninsa lix-xemx ħamranija,
Tinfed kampnarek, eżatt ma' sbieħ il-jum?
Kif nista' ninsa dawk l-għodwiet sajfija,
Bis-serduq jidden, jamarli biex inqum?

Raġġi dehbija, imellsuli għajnejja,
Ħemda perfetta tinkiser minn serduq.
Żiffet il-punent, għad trid tonfoħ lejja,
Dalwaqt tisma' l-bilbla, tgħanni minn hemm fuq.

Id-dawl jitkattar, weraq jieħdu l-ħajja,
Ftit ftit jitħarrku. Iż-żiffa besithom.
Iż-żiemel jiżher. L-għammiela fi qtajja',
'L fuq itiru, ipejzu 'l seħbithom.

Jien nogħrok għajnejja, niftaħhom ftit, ftit.
Niżżi ħajr lil Alla li tani jum ġdid.



